

**Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)**

10687/19

**SOC 520
EMPL 401
ECOFIN 673
EDUC 331**

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti / Kunsill
Suġġett:	Abbozzi ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 lil kull Stat Membru - Approvazzjoni

Fil-kuntest tal-proċess tas-Semestru Ewropew 2019, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti għal Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (kif elenkati fid-dokument 9955/19) lill-Kunsill fis-6 ta' Ġunju 2019.

It-28 dokument (wieħed għal kull Stat Membru) ġew eżaminati mill-kumitati rilevanti (EMCO, SPC, EPC, EFC/EFCA). Ċerti kwistjonijiet ta' sustanza orizzontali ġew eżaminati wkoll f'laqgħat konġunti bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza tar-rakkomandazzjonijiet fost l-Istati Membri.

It-testi tal-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru, kif jirriżultaw mid-diskussjonijiet tal-Kumitati, jinsabu fid-dokument 10182/19.

Fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-ħidma fil-livell tal-Kunsill, ingħatat kunsiderazzjoni sħiħa lill-kwistjonijiet trasversali li għandhom jiġu diskussi fiż-żewġ konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, EPSCO u ECOFIN. Dan tal-aħħar ser japprova l-kontribut dwar l-aspetti ekonomiċi/finanzjarji u relatati mal-MIP fid-9 ta' Lulju u jadotta r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi.

Il-Coreper huwa mistieden jeżamina l-abbozzi ta' Rakkomandazzjonijiet li jinsabu fid-dokumenti dwar il-pajjiżi elenkati fid-dokument 10182/19, bil-ħsieb li l-Kunsill (EPSCO) ikun jista' japprova l-kontribut dwar aspetti relatati mal-impjiegi u l-politika soċjali tal-abbozzi ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għal kull Stat Membru.
